# Il-Parti Mtappna taż-Żejtun

## minn Joslyn Saliba

Il-kultura hija parti mill-istorja ta' passat, illum u għada, fejn jgħaddi kemm jgħaddi żmien tibqa' mfakkra fit-tajjeb u l-ħażin tagħha. Il-kultura politika f'pajjiżna minn dejjem kienet dik dominanti u kontroversjali. Gradwalment il-partiti politiċi tul iż-żmien isaħħu u riformaw ruħhom għal politika progressiva. Daqs tletin sena ilu sewwa sew fl-elezzjoni tal-1986, il-Partit Nazzjonalista ried li jorganizza *mass meeting* fiż-Żejtun, il-permessi ma joħorġux biss wara proċeduri fil-qorti jingħataw, iż-Żwieten Laburisti jirribellaw.

Il-Ħadd 30 ta' Novembru, 1986, il-partitarji Nazzjonalisi flimkien mal-mexxej tagħhom Eddie Fenech Adami, jibdew triqithom minn Santa Luċija għat-triq Tal-Barrani u hawn fejn jibdew l-ostakli mat-triq b'prevenzjoni li Fenech Adami u niesu ma jmidux passejhom lejn iż-Żejtun. Tiġi msejħa l-iskwadra tal-SMU biex suppost tikontrolla l-għagħa biss tispiċċa tkun kompliċi. Uħud mill-partitarji Nazzjonalisti sfaw midruba u hawn fejn isir l-appel biex jaqbdu triqithom lejn id-Dar Ċentrali. Din hi l-ġrajja li tibqa' mtabba' fuq iż-Żwieten li l-ħafna jibqgħu jiftakru b' dispjaċir u għal xi wħud b'sodisfazzjon.

Din kienet il-politika tal-passat, politika ta' ġlied u sagrifiċċji għal dak li fih nemmnu bħal ma' ngħidu żmien l-Interdett li kien żmien ta' tbatija għall-Partit tal-Ħaddiem kawża ta' ndħil il-Knisja, era ta' politika b'mentalità differenti ta' kif jintlaħaq kompromess min-naħa taż-żewġ partiti. Il-politika llum il-ġurnata hija waħda liberali b'mexxejja b'viżjoni u ottimiżmu u xi naqa' negattività ma tonqosx speċjalment mill-partit oppost. Mela ejjew flimkien sabiex inħarsu lejn il-politika tal-ġejjieni bla ma nerġgħu nesperjenzaw dak iż-żmien u flimkien inlisnu u nisimgħuha tidwi l-għajta ta' poplu Malti wieħed maqgħud li jemmen f'futur li jgħaqqadna.